126499DM

FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D

SEDE CIVILI

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 9 TA' MARZU 2001

Avviz Nru 1264/99DM

John Vassallo u martu Rose

vs

Nadia Demicoli

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' Lm289 danni in segwitu ghal incident stradali li sehh fit-03.01.99 fis-Siggiewi bejn Regata nru IAJ 017 misjuqa mill-istanti u Opel Corsa nru DBD 868 misjuqa mill-konvenuta,

Prevja dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident u danni minhabba traskuragni, imprudenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi Lm11.50 ta' ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tal-25.03.99, dawk tal-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Nadia Demicoli fejn eccepiet:

1. Illi l-eccipjenti ma kellha ebda tort jew htija fl-incident imsemmi fl-Avviz li gara unikament b'tort u htija ta' l-attur, John Vassallo, is-sewwieq tal-vettura IAJ 017, minhabba imprudenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' dan l-istess attur, John Vassallo, u, ghalhekk, l-eccipjenti m'hix responsabbli ghall-imsemmi incident u ghad-danni pretizi mill-atturi u d-domandi ta' l-atturi ghandhom, kwindi, jigu michuda bl-ispejjez.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi dwar ir-responsabilita' il-provi jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjonijiet ta' l-atturi li t-tnejn jallegaw illi kienet il-konvenuta li kkawzat il-kollizzjoni billi bidlet f'daqqa id-direzzjoni tas-sewqan taghha minghajr preavviz u ostakolat il-karreggjata uzata mill-attur meta ghamlet U-Turn biex iddur ghall-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta.

Evidentement kien obbligu tal-konvenuta li tiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex ma tfixkel lil ebda sewwieq iehor meta ghazlet li tghamel tali manuvra. Kien obbligu taghha li tissenjala sew dak li intendiet li tghamel anke bil-mod ta sewqan taghha.

Izda mill-provi inkontestati prodotti mill-atturi jirrizulta li l-konvenuta mhux biss ma ghamlet ebda sinjal biex tindika x'manuvra kienet trid tghamel izda anzi, bil-mod ta kif dahlet fit-triq principali, indikat manuvra ferm differenti minn dik li fil-fatt ghamlet.

Ghaldaqstant issib lill-konvenuta unikament risponsabbli ghall-kollizzjoni 'de quo' u konsegwentement trid tirrispondi ghad-danni li kkawzat lill-atturi.

Mill-provi tal-atturi, senjatament mill-ircevuti esibiti, jirrizulta li dawn id-danni fil-fatt jammontaw ghas-somma mitluba ta LM289.

126499DM

Ghaldaqstant tilqa t-talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta’ Lm289 danni li sofrew in segwitu ghal incident stradali li sehh fit-03.01.99 fis-Siggiewi bejn vettura nru IAJ 017 misjuqa mill-atturi u Opel Corsa nru DBD 868 misjuqa mill-konvenuta, ghal-liema kollizzjoni u danni l-konvenuta kienet unikament risponsabbli minhabba traskuragni, imprudenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti. Bl-imghax legali mit-2 ta Settembru 1999.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta

…………………..
Mag. Dr. D. Montebello BA LLD

A. Farrugia
DepReg
CIV20